*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,727, 1 ta' April, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 123 tal-2011**

## ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

### Ordni tal-2011 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Leġislazzjoni Sussidjarja - L.S. 123.123)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq Income) (Stati Uniti tal-Amerika). L.S. 123.123

**1.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tal-Artikolu 10.2(a)(i) tal-Iskeda tal-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq *Income*) (Stati Uniti tal-Amerika) minflok il-kliem "at least to percent" għandhom jidħlu l-kliem "at least 10 percent".

Bidu fis-seħħ.

**2.** Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern stabbilixxa t-23 ta' Novembru, 2010, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u pubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.